MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 349/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Cassar)**
**Vs**
**James Demanuele**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, nhar l-24 t’Ottubru, 2008 u fix-xhur precedenti, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe’ mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D, fid-digriet tieghu ta’ nhar il-25 ta’ Jannar, 2008 li bih tah il-helsien mill-arrest taht garanzija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Novembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 579 u 11 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’

Malta, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal hames (5) xhur prigunerija illi minnha ghandha titnaqqas iz-zmien illi l-appellant qatta f'arrest preventiv u kkundannatu ihallas multa ta' disa' mija w wiehed u tletin Euro w hamsa w sebghin centezmi (€ 931.75) ekwivalenti ghal erba' mitt lira.
In oltre l-Qorti rrevokat id-digriet tal-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D akkordat fil-25 ta' Jannar, 2008 u ordnat il-hlas immedjat tal-garanzija personali f'ammont ta' hamest elef, tmien mija w erbgha w ghoxrin Euro w tlieta w erbghin centezmi (€5824.43) u ordnat ir-ri arrest ta' l-appellant.
Finalment il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena, w fi kwalunkwe kaz tibdilha dwar il-piena w kull provvediment ancillar moghti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li dan kien zball klassiku ta' kif m'ghandhomx jingiebu l-provi. L-Ewwel Qorti kellha tiskarta w tnehhi ghadd ta' xhieda rrilevanti jew li ma kienux ammissibbli. Jidher li strahet biss fuq perizja, imma anki hawn l-Ewwel Qorti ghamlet zball kemm legali w kemm fattwali. Fl-ewwel lok, l-espert ma qalx li kien wasal ghal xi certezza imma ipprezuma li la kien hemm messagg lit-tifla w iffirmat *"papa' "* , ergo kien l-appellant. Ma giex nominat espert biex jistabilixxi l-paternita'. Minn meta espert tekniku jissostitwixxi lilu nnifsu ghall-Qorti fil-valutazzjoini tal-provi? jistaqsi l-appellant. L-izball tal-ligi jikkonsisti filli, *dato e non concesso,* li gara dak li jinghad fis-sentenza, dawn il-fatti ma jikkostitwux ir-reat dedott. Meta tinghata l-liberta' provizorja, l-kondizzjoni li la direttament u lanqas

indirettament ma "*jkellem lix-xhieda tal-prosekuzzjoni*" ghandha tifsira wahda w cioe' dik li ma jkunx hemm kliem ma xhud dwar il-kaz li fuqu jkun tressaq. Il-Qorti sabet li kien hemm telefonati minaccjanti. Jekk dawn mhumiex relatati mall-kaz, dan jista' jikkostitwixxi reat gdid imma mhux dak dedott. Ma hemmx prova li saret xi minaccja dwar il-kaz pendenti li fuqu nghatat il-liberta' provizorja. Ma kienx hemm xi *restraining order* taht l-artikolu 412C. Dwar il-fatti, Maria Elena Felice lanqas kienet kredibbli. Jidher li hemm animu kontra l-appellant bazat fuq fatti antecedenti. Anki jekk kienet kredibbli, ma kienetx twassal ghall-konvinciment li sar ir-reat dedott. Il-piena kienet gravuza meta wiehed iqis li nghata hames xhur habs u maghhom multa li taqbez il-massimu karcerarju mehud flimkien mal-habs effettiv u l-ammont tal-hlas tal-garanzija. Meta kien risaput li kien hemm l-impossibilita' tal-hlas. L-Ewwel Qorti kellha ukoll il-fakolta' li ma tirrevokax il-bail.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza fil-qosor huma s-segwenti. L-appellant u Maria Elena Felice kellhom relazzjoni w minnha kellhom tifla bl-isem ta' Deianira, li tbaghti minn *severe autism*. Kien hemm diversi kwistjonijiet bejnithom dwar access ghal din it-tifla kif ukoll kawzi bejnithom u sahansitra kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-appellant fuq diversi incidenti ohra, inkluz procediment ghal tentattiv t' omicidju. L-appellant kien tressaq il-Qorti b' arrest fuq wiehed minn dawn l-incidenti fil-31 ta' Dicembru, 2007 fejn l-appellant kien gie akkuzat b' ingurji w theddid. Hu kien inghata l-liberta' provizorja b' digriet tal-25 ta' Jannar, 2008 moghti mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli (Dok. AC) u proprju l-kondizzjoni numru tlieta (3) kienet: "***li ma jkellimx jew javvicina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-prosekuzzjoni",*** inkluza Felice. Felice allegat li nonostante din il-kondizzjoni, l-appellant kien ghamel diversi telefonati b' theddid fl-24 t' Ottubru, 2008 u fil-granet ta' qabel. L-espert Martin Bajada fir-relazzjoni tieghu kkonkluda li fil-periodu bejn id-19 t' Ottubru w il-25

t' Ottubru, 2008, in-numru 7901 1847 - li skond Anthony Bonnici, rapprezentant tal-Mobile Communications Limited, hija linja *"pre-paid"* u mhux irregistrata - kien ghamel ghoxrin telefonata lil mobile phone 7901 1399 u disghin (90) telefonata lil mobile phone 7960 2714. Dawn huma l-mobile numbers tat-tifla tal-appellant u ta' ommha Maria Elena Felice rispettivament. L-appellant, ghalkemm stqarr li kien jaf dawn in-numri fl-istqarrija tieghu a fol. 25, cahad li kien cempel b' telefonati ta' theddid (Fol. 26) lill-martu w bintu.
Illi dan il-Qorti ser tindirizza l-aggravji ta' natura legali imressqa mill-appellant u wara tghaddi ghal dawk dwar l-apprezzament tal-fatti.

Ikkonsidrat;

Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni restrittiva moghtija mill-appellant ghall-impediment li uzwalment jigi impost fuq persuna li tkun qed tinghata l-helsien mill-arrest preventiv u cioe' dik li ma kellimx u ma javvicinax la direttament jew indirettament lix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Dan il-kliem (jew frazijiet simili hafna) li jintuza fil-maggor parti tal-kazijiet ifisser dak li jghid u xejn aktar u xejn inqas u jikkostitwixxi impediment assolut ta' kull komunikazzjoni verbali bejn imputat u xhud tal-prosekuzzjoni. Kieku l-Qrati jkunu jridu jarginaw is-sinifikat ta' tali impediment biss ghall-kliem dwar l-kawza, kienu jghiduh fid-digrieti tal-liberta' provizorja. La ma jiddistingwux, l-appellant u persuni ohra bhalu li jkunu taht arrest preventiv u jinghataw il-liberta' provizorja ma jistghux jigbu din id-distinzjoni huma. Kieku kellha tregi l-interpretazzjoni li jrid jaghti lil din il-kondizzjoni l-appellant, jibdew ifaqqsu kawzi go kawzi biex kull darba l-Qorti toqghod tqis jekk kliem kienx direttament jew indirettament ghandu x' jaqsam mal-kawza li tkun pendenti jew le.

Din il-Qorti lanqas ma taqbel li kliem minaccjanti lil xhud f' kawza anki jekk mhux relatat espressament mal-kawza jikkostitwixxi reat iehor differenti biss. Dan jista' jikkostitwixxi reat iehor imma jista' jkun ukoll jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat in dizamina.

Dwar liema xhieda jew provi huma ammissibbli jew le u partikolarment provi dwar incidenti precedenti bejn Felice u l-appellant, hija ormai gurisprudenza stabilita' li f' kazijiet bhal dawn prova ta' "*system of conduct"* hija ammissibbli bhala prova indizjarja, s' intendi dejjem bir-rizervi w l-kawteli applikabbli ghal tali prova w b' dana li dejjem ikun irid jigi ppruvat minghajr dubju dettat mir-raguni l-fatt li jikkostitwixxi r-reat in meritu. F' kull kaz, l-Ewwel Qorti qalet li kienet qed *"tiddezisti*" (Sic!) milli tiehu konjizzjoni tar-rapporti illi wasslu ghal proceduri kriminali ulterjuri kontra l-appellant mhux biss ghax dawn jikkostitwixxu l-mertu diskuss quddiem Qorti ohra, imma ukoll ghaliex l-appellant ma huwiex akkuzat b' dawn l-imputazzjonijiet quddiemha. Ghalhekk l-appellant zgur li ma jistax jilmenta minn xi pregudizzju f' dar-rigward.

Ghalhekk dawn l-aggravji ta' natura legali qed jigu respinti.

Ikkonsidrat;

Illi uhud mill-aggravji tal-appellant jiccentraw fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**ir-Repubblika ta' Malta**

**vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

"Illi appropositu ta' dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti, fuq l-provi ammissibbli li kellha quddiemha, setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija tal-unika imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Illi l-akkuza f' dan il-kaz tikkoncerna il-ksur tal-kondizzjonijiet tad-Digriet tal-ghoti tal-liberta' provizorja tal-25 ta' Jannar, 2008, pero' jidher li, mill-provi li ressqet, il-prosekuzzjoni ffokat fuq il-ksur tal-kondizzjoni numru tlieta (3) tal-istess Digriet u cioe' dik li l-appellant kien impedut milli direttament jew indirettament ikellem jew javvicina xhieda tal-prosekuzzjoni f' dak il-kaz. L-allegazzjoni hi - ghall-fini ta' din il-kawza - li dan sar mill-appellant permezz ta' telefonati persistenti fuq firxa ta' granet li pprecedew l-24 t' Ottubru, 2008.

Illi mix-xiehda ta' Maria Elena Felice jirrizulta abbondantement li f' dan il-periodu l-appellant kien qed icempillha regolarment jew fuq il-mobile phone taghha jew fuq dak ta' bintha minuri. Hi gharfet lehnu w kienet kategorika dwar dan. F' dan hi anki korroborata minn ommha Josephine Felice li assistiet ghal uhud minn dawn it-telefonati ghax kienet proprju hdejn bintha w setghet tisma ghax il-mobile phone kellu l-amplfier on. Maria Elena Felice jirrizulta li ghamlet diversi rapporti dwar dawn it-telefonati persistenti li kienu jikkontjenu theddid kif jidher mill-okkorenzi esebiti w dana fid-9 t' Ottubru, 2009, (Dok AC 4 a fols 27 28), fil-11 t' Ottubru, (Dok. AC 5 a fols 29 sa 31), u telefonati anonimi fl-24 t' Ottubru, (Dok. AC 6 a Fols 32 sa 34) kollha kontenenti theddid. Hi ddeskriviet fid-dettall xi diskors li ntqal f' dawn it-telefonati.

Ghal din il-Qorti, din il-prova ta' telefonati fejn hi gharfet lehen l-appellant, li ilha tafu minn mindu kellha tlittax il-sena skond l-istess appellant, kienet bizzejjed biex l-Ewwel Qorti tkun tista' ssib htija kemm legalment kif ukoll ragonevolment dwar l-imputazzjoni kif dedotta. Ghalkemm l-appellant cahad li ghamel dawn it-telefonati fl-istqarrija tieghu, din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti, li semghet lil Maria Elena Felice tixhed u setghet allura tapprezza l-imgieba, l-kondotta w l-karattru tax-xhud u setghet tevalwa l-kredibilita' taghha skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali,  kellha kull jedd li tistrieh fuq id-depozizzjoni taghha.

Inoltre, li Felice kienet qed tircevi telefonati ripetuti w persistenti hu korroborat anki minn membri tal-korp tal-Pulizija li kienu qed ikellmuha fl-ghassa darba minnhom meta kienet qed tkellem lil-ispettur Fabian Fleri u lil WPS 40 Isabella Camilleri.

L-espert Martin Bajada fir-relazzjoni tieghu ikkonferma li fuq iz-zewg *mobile phones* ta' Felice u bintha kienu saru rispettivament 90 u 20 telefonata mill-istess numru bejn id-19 u l-25 t' Ottubru, 2008. Dan in-numru kien 7901 1847 li rrizulta li kien numru *pre-paid* u mhux registrat mal-Go Mobile.  Pero', minn zewg messaggi li nstabu fuq il-mobile tat-tifla li kienu jghidu testwalment :- *"Deianira il-*

*papa jiena inti ghorajt pupa umbad incempillek hali inkelmek ta"* (Sic!) u *"Deianira umbad in cempilek ta qalbi jiena inhobbok hafna ta pupa."*, hu stabilixxa l-*call profile* li kien tal-MSISDN 7901 1847. Meta mbaghad analizza il-*call profiles* tal-*mobile phones* 7901 1399 u 7906 2714, proprju sab li l-20 u d-90 telefonata fuq imsemmija kienu saru minn dan in-numru li minn fuqu kienu saru l-messaggi lit-tifla.

Ghalkemm id-difiza gustament issottomettiet li din mhux prova konkluziva li z-zewg messaggi kienu emanaw minn missier it-tifla u cioe' l-imputat appellat u ergo ukoll allura ma hemmx prova konklussiva li t-telefonati fuq iz-zewg mobile phones ukoll gew minghand l-appellant, din ic-cirkostanza tkompli ssahhah sew it-testimonjanza ta' Maria Elena Felice. Ta' min josserva li fiz-zewg messaggi ma hemm ebda kontenut minaccjuz jew b' xi mod inkriminanti anzi messagg ta' imhabba lejn tifla. Wiehed allura legittimament jistaqsi: min kellu interess li jibghat messaggi bhal dawn lil din il-povra tifla otistika jekk mhux verament missierha?

Terga' w tghid li rrizulta li proprju f' dak iz-zmien il-Qorti tal-Familja kienet irrevokat id-dritt ta' access tal-appellant lill-minuri imsemmija w li l-appelant din kien hadha bi kbira sew u kien irrabjat w ghalhekk hu altru milli verosimili li -tenut kont tal-kondotta w l-fedina penali tal-appellant partikolarment fir-rigward ta' Maria Elena Felice - li hu jibda jagixxi b' manjiera minaccjuza fil-konfront taghha. Din mhux biss kongettura imma hija konfermata minn xhud indipendenti Marisa Gatt, Social Worker mal-Agenzija Appogg li xehdet (fol. 61 et seq.) li dak in-nhar tal-24 t' Ottubru, 2008, meta l-appellant gie infurmat li l-Qorti kienet issospendietlu l-access ghat-tifla minuri ghal xaharejn, l-appellant ma hax pjacir u ntqal certu diskors; tant li hi kellha tirraporta lill-Manager taghha. Dan ghaliex l-appellant maghha kien ghamel theddid serju li l-kliem ezatt taghhom, ghax kitbithom, kien: <u>*"Daqqa ta sikkina tajtha u ohra nerga naghtiha".*</u>

Ghalhekk, meta titqies is- *"system of conduct"* tal-appellant, ix-xiehda ta' Maria Elena Felice w ommha, w il-

provi kollha cirkostanzjali, l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li tikkonkludi li l-appellant kien qed javvicina u jkellem lil Maria Elena Felice permezz ta' telefonati ripetuti w persistenti w fejn kien ukoll qed jheddidha w li dan kien bi ksur tal-kundizzjoni numru 3 tad-Digriet tal-ghoti tal-liberta provizorja. Din il-Qorti ghalhekk ma ssibx raguni biex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju fuq il-piena, il-princpju regolatur hu li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccessiva. Skond l-artikolu 579 (2) tal-Kodici Kriminali, l-piena ghar-reat in dizamina hi dik tal-multa jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur jew ghal multa w prigunerija flimkien. Ghalhekk il-piena erogata zgur li ma tohrogx mill-parametri tal-ligi.

Din il-Qorti, wara li qieset il-kondotta arci-refrattarja tal-appellant lanqas ma tara li hemm lok ghal xi temperament fil-piena f' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------